MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2014

Numru. 716/2014

## Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum, 01 ta' Dicembru, 2014**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Domenic Cuschieri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Domenic Cuschieri, ta' 52 sena, bin il-mejjet Nazzareno u Dolores nee' Sapiano, imwieled Pieta' fit-12 ta' Novembru, 1961, residenti fil-fond numru 43, ix-Xatt tal-Isla, Isla u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 712161(M).

Akkuzat talli fil-05 ta' Ottubru 2010, ghall-habta tal-10:00hrs minn gewwa is-St. Patrick's Football Complex li jinsab gewwa Triq Bieb is-Sultan Zabbar ikkommetta serq ta' mitt Ewro liema serq huwa aggravat bil-mezz ghad-dannu ta' Ivan Fava u/jew persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'daz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-artikoli 49, 50 261(b), 263 u 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jgi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li jidher li l-imputat issa beda jirriabilita lilu nnifsu u qed jindirizza l-problema ta' abbuz ta' drogi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50 261(b), 263 u 264 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati

ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-Ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------